Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/1034

12.6.2025

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 63/2025**

**tal-14 ta' Marzu 2025**

**li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2025/1034]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2221 tas-6 ta' Settembru 2024 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi aċekinoċil, silikat tal-aluminju, emamektina, aċidi xaħmin C7 sa C20, pendimetalina, żjut tal-pjanti/żejt tal-kolza u triklopir ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2390 tas-6 ta' Settembru 2024 li jġedded l-approvazzjoni tas-sustanza attiva metrafenon f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(3) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness II tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Kapitolu XV tal-Anness II għall-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiżi li ġejjin jiżdiedu mal-punt 13a (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011):

'— **32024 R 2221**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2221 tas-6 ta' Settembru 2024 (ĠU L, 2024/2221, 9.9.2024),

— **32024 R 2390**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2390 tas-6 ta' Settembru 2024 (ĠU L, 2024/2390, 9.9.2024)."

2. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 13zzzzzzzzzzzzzzw (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2197):

'13zzzzzzzzzzzzzzx. **32024 R 2390**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2390 tas-6 ta' Settembru 2024 li jġedded l-approvazzjoni tas-sustanza attiva metrafenon f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L, 2024/2390, 9.9.2024)."

([1]) ĠU L, 2024/2221, 9.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2221/oj.
([2]) ĠU L, 2024/2390, 9.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2390/oj.

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti ta’ Implimentazzjoni (UE) 2024/2221 u (UE) 2024/2390 bil-lingwa Iżlandiża u b’dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-15 ta’ Marzu 2025, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta’ Marzu 2025.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*
*Il-President*
Nicolas VON LINGEN

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.